**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL. D., Mag.Jur. (Int.Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**-vs-**
**James Azzopardi detentur tal-karta tal-identità numru 132889M.**

*Każ Dwana Nru. 1877/2024*

Illum, **30 ta' April, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **James Azzopardi** u ċioe`:

**Nhar it-3 ta' Frar 2016[1] ġewwa dawn il-Gżejjer:**

1. Żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu (7) seba' armi regulari kif ukoll munizzjoni u cioe ammont ta' skrataċċ mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

2. Importa jew daħħal ġewwa Malta (7) armi tan-nar jew munizzjoni mingħajr il-liċenzja jew il-permess tal-kummissarju.

3. Għal-ħabta tat-14:40hrs saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAL-514 tal-għamla Daewoo mingħajr liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-awtorità kompetenti.

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-14 ta' Novembru, 2016. Vide fol.89

4. Ġarr, uża, akkwista jew kellu fil-pussess tiegħu armi tan-nar fil-waqt li kien qed jiġi arrestat għal delitt u cioe fil-waqt li kien qed isuq vettura mingħajr liċenzja ta' sewqan

5. Ikkommetta reat waqt perijodu operattiv ta' Ordni ta' Servizz fil-Komunità għal perjodu ta' tlett snin mogħtija lilu mill-Qorti ta' tal-Maġistrati Dr. Aaron Bugeja LL.D. nhar 20 ta' Mejju 2015, u għal perijodu liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra jew mibdula.

6. Ikkommetta reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża għal perijodu ta' tlett snin mogħtija lilu mill-Qorti ta' tal-Maġistrati Dr. Josette Demicoli LL.D. nhar 7 ta' Settembru 2014 u għal-perijodu liem sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra jew mibdula.

7. Talli fit-3 ta' Frar 2016, ġewwa Hal-Luqa, wara li ġiet imwaqqfa, Vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAL-514 mill-Uffiċjali tal-Pulizija, instab li, xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew depożitati għandu u/jew taħt il-kontroll tiegħu **erba' pump action shot guns 12 gauge tal-marka TORUN SILAH SANAYI (MOD-USA MAGNUM)**, bin-numru tas-Serje 14E-11411, 14E-11836,14E-12060, u 14E-11294, flimkien ma, **għoxrin skartoċċ 12 gauge** (14 tal-marka **Universal Trap** u 6 tal-marka **RC2 competition**)

8. Talli wkoll, fit-3 ta' Frar 2016 u l-għada 4 ta' Frar 2016, ġewwa l-*Freeport,* wara tfittxija li saret minn Uffiċjali tal-Pulizija u tad-Dwana fuq il-bastiment **MV SAINT ROCH**, liema bastiment kien daħal Malta mill-Libja fit-2 ta' Frar 2016 u fejn l-imsemmi **James Azzopardi** kien membru tal-ekwipaġġ, instab ukoll li xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew depożitati għandu u/jew taħt il-kontroll tiegħu **tlett pump action shot guns 12 gauge tal-istess marka u cioe TORUN SILAH SANAYI (MOD-USA MAGNUM)** , bin-numru tas-Serje 14E-11335, 14E-11277 u 14E-11426.

   L-importazzjoni u l-pussess ta' dawn il-pump action shot guns u l-iskrataċ hija pprojbita u/jew ristretta.

   Dawn il-***pump action shot guns*** għandhom valur totali ta' **€1,575.00, Dazju tal-importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €50.40 u € 292.57 rispettivament**, filwaqt li l-**iskrataċ** għandhom valur totali ta' **€3.60, Dazju ta' Importazzjoni €0.10, Dazju tas-Sisa €0.52, kif ukoll Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (VAT) li tammonta għal €0.76,** fejn liema Dazji U Taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur ta' Artikolu 80 tal-Att 23 XXIII ta' 1998.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba titratta ma' James Azzopardi bħala <u>reċidiv</u> tenur ta' l-Art. 49 u 50 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u mill-Qorti Kriminali liema sentenzi saru definittivi u ma' jistgħux jitħassru.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-14 ta' Marzu, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**Il-Provi**

**Joseph Borg,**[2] uffiċjal tad-Dwana, esebixxa l-*letter to prosecute*[3], Noti ta' Qbid numru 12/2016[4] rigward l-armi u munizzjon, u dik numru 13/2016[5] rigward il-vettura ta' ċertu Simon Azzopardi. Kompla biex esebixxa formalment skrataċċ[6] u l-vettura[7].

**Sharon Debono**, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-taxxi u VAT, ukoll esebiet *letter to prosecute*[8] fil-konfront tal-imputat.[9]

Stqarrijiet

Fl-istqarrija rilaxxata nhar l-4 ta' Frar 2016[10], l-imputat spjega li huwa jaħdem fuq bastiment bl-isem ta' Saint Roch li jaħdem bejn Malta u l-Libja. Fir-rigward tas-snieter li nstabu fil-pussess tiegħu, jgħid li dawn kienu ilhom ħafna għandu u ma kienx akkwisthom f'daqqa.[11] Jispjega li, in vista tas-sitwazzjoni prevalenti ġewwa l-Libja, huwa kien ġieli skambja xorb alkoħoliku ma affarijiet oħra bħal fwejjaħ w ċikkulata iżda anke armi. Bid-dinari li kien ikollu fuqu w li ma jissarrfux f'Malta, akkwista wieħed mill-*pump action guns* billi ħallas għalih mitt

[2] Fol.19-20
[3] **Dok.JB1** a fol.24-25
[4] **Dok.JB2** a fol.26
[5] **Dok.JB3** a fol.27
[6] **Dok.JB4**
[7] **Dok.JB5**
[8] **Dok.SD** a fol.28
[9] Fol.22-23
[10] **Dok.SB4** a fol.13 et seq
[11] Fol.13

(100) Dinar li jiġu ċirca ħamsa w għoxrin Ewro (€25). Xtrah peress li f'familtu hemm min hu dilettant tal-kaċċa w seta b'hekk jużah għal *spare-parts*; fil-fatt spiċċa akkwista seba' (7) minnhom u ma kienx jaf x'ser jaqbad jagħmel bihom. Ma żarmhomx qabel ma nieżel lura Malta għall-għażż. Is-Sibt ta' qabel l-arrest tiegħu, l-vapur li kien fuqu meta kien fi triqtu lejn il-Libja, ġie interċettat mill-armata Taljana fejn twettqet perkwiżizzjoni. Dak il-ħin ma nstab xejn. L-uffiċjali tal-bastiment li kien fuq talbu lill-ekwipaġġ jiffirmaw dikjarazzjoni li permezz tagħha assumew ir-responsabbiltà tal-effetti kollha li kellhom fuq il-vapur. F'dak il-ħin ftakar li kien ħeba l-armi fis-suffitt u peress li ried jeħles minnhom, rabathom ma' sidru u dahru w ipprova jinżel Malta bihom fejn sussegwentement ġie arrestat.

Waħda mill-armi nstabet fil-kamra tal-ħabib tiegħu Lydon, għaliex qabel kien jorqod fiha hu u tħalliet hemm *"Lydon ma għandu x'jaqsam xejn f'din l-istorja.* ***Dawk kollha tiegħi****"*. Iddeċieda ma jħallihomx fuq il-vapur peress li riedx li jinstabu fil-pussess ta' xi persuna oħra intortament.[12]

Stqarrija oħra ġiet rilaxxata nhar id-9 ta' Frar 2016,[13] fejn Azzopardi ikkonferma li waqt l-arrest huwa kien qed isuq, mingħajr liċenzja, vettura tal-għamla Daewoo bin-numru ta' reġistrazzjoni AAL-514. L-imputat ċċara kif ma kellux intenzjoni li jniżżel l-armi Malta imma niżżilhom peress kien ser jinbidel l-ekwipaġġ tal-bastiment u ma riedx li l-armi isibhom xi ħadd iehor. Jgħid ukoll li huwa kien ġieli ħalla l-armi moħbija fuq il-bastiment wara li jinżel Malta iżda din id-darba kellu jneħħihom għaliex il-Kaptan tal-bastiment kien talabhom jiffirmaw karta li kienu ser jinżammu responsabbli għal dak kollu li jinstab fil-pussess tagħhom. Dawn kien ser iżarmhom għal *parts*. Fil-vettura misjuqa minnu nstabu għadd ta' skrataċċ li jiddikjara li dawn kienu ta' ħuh dilettant ta' sparar fuq il-plattini w kienu ilhom fil-vettura.[14]

Jingħad mill-ewwel li ma tressqet l-ebda prova biex tissostanzja, sal-grad mistenni mill-imputat, talli affermazzjoni.

**L-Ispettur Saviour Baldacchino**[15] spjega kif fit-3 ta' Frar, 2016, għal ħabta ta' 2:40pm, f' Ħal-Luqa il-Pulizija interċettat vettura tal-għamla Daewoo Racer, numru ta' reġistrazzjoni AAL 514, li kienet qed tinstaq mill-Freeport mill-imputat.

---

[12] Fol.14-15
[13] **Dok.SB5** a fol.16 et seq
[14] Fol.17
[15] Fol.91

Mit-tfittxija li saret, kemm fuq l-imputat kif ukoll fil-vettura tiegħu, instabu erba' *pump action shot guns* li kienu marbutin ma sidru u ma' dahru w mgħottija b'*parka jacket*. Instabu ukoll il-*handles* (manku) tal-istess *shot guns*, tnejn fil-but tal-ġakketta w tnejn oħra fil-vettura, tliet (3) mobile phones tad-ditta Nokia u tliet boltijiet mit-twal li jintużaw biex jitwaħħlu l-*handles* mas-snieter.[16] Spjega kif fil-vettura instabu ukoll kaxxa li kien fiha żewġ t'iskrataċ u oħra li kien fiha għoxrin skartoċċ. Dan wassal sabiex jiġi arrestat l-imputat.[17] L-ispettur kkonferma ukoll li s-shotguns kellhom is-*serial numbers* 14E-12060; 14E-11836; 14E-11294 u 14E-11411.

Aktar tard dakinhar stess, l-ispettur kien ġie infurmat li kien hemm persuna oħra, ċertu Lydon Lee Farrugia u li dan kien ġie arrestat ukoll. Fil-vettura ta' Farrugia ma' kien instab xejn. Sussegwentement, saret ukoll tfittxija fil-kabina ta' Farrugia fuq il-Bastiment fejn minn hemm ġew elevati "*laptop tal-marka Acer 42, 42 pakkett sigaretti brand L and M li kull pakkett sigaretti ta' għoxrin.* ***U pump gun*** *ukoll li kien identiku għal dawk li konna sibna aktar kmieni fit-tfittxija tas-sur James Azzopardi*". Is-serial number ta' dan is-senter kien M14E-11335.[18] Meta ġie mistoqsi mill-pulizija rigward din l-arma, Farrugia stqarr li huwa ma kienx jaf biha u li din ma kienitx tiegħu. Farrugia kompla jispjega li l-kabina tiegħu kienet oriġinarjament tal-imputat iżda kienu partuha minħabba li Farrugia xtaq kabina bit-tieqa – fatt li kkonfermah l-imputat ukoll fl-istqarrija tiegħu.[19]

Jgħid illi l-għada, il-pulizija reġgħu marru fuq il-bastiment u din id-darba wettqu tfittxija **fil-kabina tal-imputat fejn hemmhekk, fil-presenza ta' Azzopardi, instabu żewġ *shot guns oħra*,** bis-*serial numbers* 14E11426 u 14E11277.[20]

Baldacchino semma kif mill-l-kamra ta' Lydon Farrugia ġie elevat laptop li fuqu instabet informazzjoni u ritratti ta' rilevanza għall-każ,[21] u li ġew esibiti fuq CD.[22]

Lejn tmiem ix-xiehda tiegħu l-Ispettur Baldacchino jagħmel **dikjarazzjoni t'importanza kbira** li anke timpinġi direttament fuq il-kredibbilità tal-imputat:

> "*Minn aktar stharrig li kont ghamilt jien rigward dawk l-armi ġie skopert illi dawk l-armi m'għandhom l-ebda uzu ta' sports, ma jistghux jiġu uzati għal ebda sports,* ***ma***

[16] Fol.92
[17] Ibid.
[18] Fol.93
[19] Fol.93-94
[20] Fol.93
[21] Fol.95
[22] **Dok.SB7** a fol.97

> ***jistghu jiġu uzati għal ebda kaċċa u għalxejn hlief jew għall-gwerra jew inkella għal xi uzu illecitu****. M'għandhom uzu iehor li jista jsir minnhom dawk l-armi elevati. Kemm dawk l-armi elevati, kif ukoll l-armi li hemm jidru fuq dak is-CD."*[23].

L-Ispettur Baldacchino esebixxa kaxxa[24] kontenenti seba' (7) armi tan-nar[25] kif ukoll faxxikolu ritratti[26] meħuda minn PS67 Kevin Manicolo.[27] Għalkemm is-surġent Manicolo qatt ma ttella' jixhed l-armi ġew fotografati in awla mill-espert Petroni u jinsabu esibiti fir-rapport minn tiegħu.

**PS364 David Borg**, stazzjonat fid-Drug Squad, spjega li nhar it-3 ta' Frar 2016, is-Surġent flimkien ma' kollegi tiegħu kienu rrikorrew fl-akkwati tal-Freeport u dan għaliex kellhom informazzjoni li l-imputat seta' kellu droga fil-vettura tiegħu. Jgħid li l-imputat kien ħareġ mill-Freeport b'vettura tal-għamla Daewoo bin-numru ta' reġistrazzjoni AAL 514, u sussegwentement ġie interċettat ġewwa Hal Luqa fejn ġie arrestat. [28] Hekk ġie interċettat u ħareġ mill-vettura hu ħass xi haġa iebsa ma' dahar l-imputat ***"u kif appena immanettjajnieh rajt minn taħt il-ġakketta hiergin qishom żewġ pajpijiet tal-hadid....ghollejt il-ġakketta jiena u nnotajt li kellu żewġ pump-guns suwed. Qajjimnieh bil-wieqfa u ma sidru sibnielu żewġ pump guns oħra ttejpjati wkoll ma sidru."***[29]

Fuq l-imputat instabu żewġ *handles* suwed li kienu jappartjenu lil *pump guns filwaqt li ġ*ol-vettura, instabu żewġ *handles* oħra suwed identiċi għal dawk li instabu fuq persuntu. Fil-*luggage booth* tal-vettura, instabet kaxxa skrataċċ, li kien fiha *"sitta(6) ta' kulur blu u erbatax (14) ta' kulur ahdar u kaxxa tal-kartun simili vojta u ammont iehor ta' skratac fil-bagoll"*[30]. Spontanjament l-imputat stqarr mas-Surgent li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu ma kienitx valida.[31]Is-Surġent Borg esebixxa notamenti tiegħu kif ukoll *sketch*[32] li sar minn PS679 wara li mal-interċettazzjoni tiegħu l-vettura tal-imputat laqtet dik tal-pulizija.[33]

**PS 839 Stephen Micallef**[34]iddeskriva kif nhar it-3 ta' Frar tas-sena 2016, ingħata struzzjonijiet sabiex jirrapporta ġewwa l-Freeport u jistenna lil ċertu Lydon Lee

---

[23] Fol.96
[24] **Dok.SB**
[25] **DoK.SB1-Dok.SB7**
[26] **Dok.KM** a fol.45 et seq
[27] Fol.43
[28] Fol.56
[29] Fol.58
[30] Fol.58- 59
[31] Fol.59
[32] Fol.69 et seq
[33] **Dok.DB** a fol.62 et seq
[34] Fol.76

Farrugia li kien jaħdem fuq il-bastiment *[recte:]* Saint Roch. Għal ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija, Farrugia ntlemaħ ħiereġ bil-vettura tiegħu mill-Freeport fejn dan twaqqaf u saret tfittxija fil-vettura tiegħu. Jgħid li fil-vettura ma nstab xejn u għalhekk pproċedew sabiex telgħu fuq il-bastiment sabiex iwettqu tfittxija fil-kamra tiegħu. Fil-kamra ta' Farrugia nstabu erba' grossos sigaretti ta' bla dazju, u kif ukoll *shot gun* mgeżwer *f' life-saving suit*. Għaraf l-arma li ġiet esibita bħala waħda eżatt bħal ma nstabet fil-kamra ta' Farrugia.[35] Kompla kif l-għada filgħodu, akkumpanja lill-imputat fuq il-bastiment Saint Roch sabiex issir tfittxija fil-kabina tiegħu minn fejn instabu żewġ *pump action shot guns* oħra.[36]

**Robert Meachen,** rappreżentat tal-linja CMA CGO li hi l-aġent tal-vapur Saint Roch, spjega li dan kien dieħel Malta minn triqtu fil-Libja. Kompla kif bħala parti minn xogħlu kien li jipprepara l-inkartament sabiex jinħareġ il-permess biex l-istess bastiment ikun jista' jidħol Malta.[37] Riprodott[38] għadda biex esebixxa lista tal-ekwipaġġ li fiha jirrizulta isem l-imputat James Azzopardi.[39]

**Anthony Borg,** fizzjal tad-Dwana, xehed li assista lill-pulizija sabiex jwettqu perkwiżizzjoni fuq Lydon Lee Farrugia u fil-vettura tiegħu. Hekk kif Farrugia ħareġ mill-Freeport, ġie imwaqqaf bil-vettura tiegħu, tal-għamla Opel, u saret tfittxija li rriżultat fin-negattiv.[40] Wara, mal-pulizija, mar fuq il-bastiment u fil-kabina ta' Farrugia nstabu *pump action shot gun*, erba' grossos sigaretti u laptop. Ikkonferma li r-ritratt muri lilu wera arma bħal ma nstabet fil-presenza tiegħu.

Fit-tfittxijiet kien akkumpanjat minn fizzjali oħra li xehdu warajh[41] u ċioe Anthony Cutajar u Philip Attard. Fil-fatt il-**Fizzjali tad-Dwana Anthony Cutajar**[42] u **Philip Attard**[43] ikkonfermaw l-verżjoni tal-Fizzjal Borg.

**Mario Galea**, Chief Inspector fi ħdan id-Dwana, spjega li assista fi tfittxijiet kondotti mill-pulizija fil-kabina numru 416 ta' James Azzopardi fuq il-bastiment Saint Roch. **Minn taħt is-saqqu nstabu żewġ *pump shot guns*** tal-għamla [*recte:*] *Torun Silah Sanayi* li kellhom *serial number* 14E11426 u 14E11277. Skont Galea, l-imputat kien qalilhom li s-snieter kien żammhom hemm biex

[35] Fol.76-77
[36] Fol.77
[37] Fol.169 et seq
[38] Fol.235-236
[39] Fol.237 *tergo*
[40] Fol.105
[41] Fol.106
[42] Fol.108-109
[43] Fol.111-113

jipproteġi lilu nnifsu mill-ISIS. Ir-Rapport ta' Galea dwar din l-investigazzjoni ġie esibit in atti.[44]

**David Sciberras**, Spettur Legal fi ħdan id-Dwana, xehed li l-valur totali tas-seba' (7) *shot guns* elevati kien dak ta' elf, ħames mija u ħamsa u sebgħin ewro (€1, 575) filwaqt li l-valur tal-erbatax (14) il-skartoċċ ħodor *Universal Trap* kien ta' żewġ euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€2.52c) u tas-sitt skrataċċ blu tal-marka *RC2 Competition* hu ta' ewro u tmien ċenteżmi l-wieħed *(€1.08c)*.[45]

**L-Avukat Stephen Farrugia Sacco,**[46] espert maħtur mill-Qorti sabiex iniżżel il-kontenut tas-CD li ġiet ppreżentata bħala **Dok SB8** mill-Ispettur Saviour Baldacchino, esebixxa r-rapport tiegħu.[47] Fir-ritratti estratti diversi u numerużi huma r-ritratti li fihom l-imputat jidher b'armi jippoża anke f'qagħdiet minaċċużi. Fl-ebda wieħed minn dawn l-armi ma jidher iżarmhom jew xi ritratt ta' *parts*! Iktar inkwetanti huma ritratti b'ammonti kbar ta' flejjes esposti inkluż quddiemu kif ukoll f'idejn minuri fejn jispikkaw karti tad-denominazzjoni ta ħamsin (50) ewro.[48] Hemm ritratti ukoll ta dak li jidher huma linji tal-kokaina lesti għall-konsum.[49]

**Stephen Petroni,**[50]li ġie maħtur espert sabiex jeżamina l-*pump action shot guns* elevati, spjega li *"..jiena eżaminajt dawn is-7 snieter f'din l-awla. Ir-rapport tiegħi jgħid precizament li dawn huma pump action shotguns 12 gauge [recte:] u huma ta' manifattura Torka. Il-mudell jismu USA Ricol, il-kumpanija hija [recte: Torun] u t-tul tal-kanna hija ta' 345 mm. Din hija relevanti ħafna....minhabba dak li huwa permess skond il-ligi Maltija. Issa bhala kondizzjoni dawn huma godda. Huma funzjonabbli. Il-valur ġie stabbilit li huma €200 C&F. Imwassal hawn Malta biex niftehmu. ....**il-wahda jiġifieri total ta' €1,400...** s-snieter li l-kanna tagħhom hija inqas minn 45cm. Jaqaw taħt skeda 1, l-ewwel skeda ta' l-att tal-armi ta' 2005. **Jigifieri huma projbiti**"* *[peress li t-tul tal-kanna]* ***"huwa anqas minn dak li huwa stabbilit mill-ligi...il-liġi Maltija fejn jidħlu snieter il-minimu huwa 45cm. Dawn huma ftit inqas... dawk li għandhom kanna qasira ħafna, f'distanzi qosra ħafna, hi tiftah immens. Jigiferi ghandek arma li hija iktar potenti".***[51] Din kienet ir-raġuni għaliex il-leġislatur iddeċieda li jillimita l-minimu tat-tul tal-kanna minn dak ta' 50cm għal 45cm u mhux anqas.[52]

---

[44] **Dok.MG** a fol.318
[45] Fol.319-320. **Dok.DS** a fol.321
[46] Fol.195
[47] Fol.195. Rapport esibit bħala **Dok.SFC** a fol.197 et seq
[48] Vide fol.210
[49] Fol.218 *tergo*
[50] Fol.270
[51] Fol.271-272
[52] Fol.273

Ir-rapport tal-espert Petroni jindika li l-manifattur hu Torun Arms (Torun Silah Sanayi) tat-Turkija bil-mudell ikun USA-Ricol.[53]

Ikkunsidrat,

<u>Konklużjoni</u>

Fuq dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti tqis li Prosekuzzjoni pruvat il-każ tagħha fuq l-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), seba' (7) u tmienja (8) sal-grad rikjest mill-Liġi.

L-abbli difiza fit-trattazzjoni tagħha tissottometti li l-prosekuzzjoni irnexxielha toħloq ness bejn l-armi u l-imputat in kwantu għall-erba' armi biss u ċioe dawk li nstabu fuq persuntu meta twaqqaf mill-Pulizija f' Ħal-Luqa nhar it-3 ta' Frar, 2016.

Il-Qorti ma taqbilx. Għalkemm hu minnu li l-armi li ġew deskritti mill-espert tekniku Petroni bħala ***"kollha l-istess"*** u ***"ġodda"***[54] instabu f'żewġ okkażjonijiet. Però fl-istqarrija tiegħu l-imputat, meta mistoqsi kemm kellu armi, jammetti ***"Sebgha** (sic)* ..... ***Lydon ma għandu x'jaqsam xejn fl-istorja***".[55] Żied li kien akkwisthom fuq medda ta' ħames (5) xhur.[56]

Anke mingħajr din l-ammissjoni ċara, il-Qorti ma jifdallha l-ebda dubbju li it-tlett armi l-oħra li nstabu fuq il-bastiment – lkoll tal-istess marka – u propju fil-kamra li kien jokkupa hu, kienu ta ħadd għajr l-imputat. Tnejn minnhom instabu fil-presenza tiegħu l-għada 4 ta' Frar 2016, u ma jirriżultax li mas-sejba l-imputat irreaġixxa b'xi iskantament jew sorpriża meta dawn instabu,.

Tant hu hekk li l-unika reazzjoni tal-imputat għal din is-sejba kienet li ndirizza lill-Fizzjal Mario Galea u qallu li dawn xtrahom biex jipproteġi lilu nnifsu mill-ISIS. [57] B'hekk fl-ebda ħin ma innega li kienu tiegħu jew li ma kienx konsapevoli li kienu <u>moħbija</u> f'kamartu, anzi għall-kuntrarju **ammetta li kienu jappartjenu lilu.**

U hawn il-Qorti tistaqsi biex jipproteġi lilu nnifsu possibbli li kellu bżonn seba' armi? Kien ser jużahom f'daqqa dawn?

---

[53] **Dok.SP** a fol.275 et seq
[54] Fol.275
[55] Fol.14
[56] Fol.17
[57] **Dok.MG** a fol.318

Il-fatt innifsu li l-imputat jagħti din il-verżjoni lill-Fizzjal Galea filwaqt li fl-interrogazzjoni tiegħu jbiddel dik il-verżjoni meta jistqarr li xtrahom għall-*spare parts* biex jeħles mid-Dinari żejda, timmina l-kredibbilità w l-affidabbiltà tal-imputat.

Ma jagħmel ebda sens li biex jieħu *parts* għal xi arma oħra – kellu bżonn xejn anqas minn seba' (7) armi. Fl-ebda ħin ma ġie pruvat, mqar sal-grad tal-possibbli, għall-liema arma kienu intiżi dawn il-*parts*. Anzi, mhux talli hekk, iżda l-espert Petroni jiddikjara li dawn l-armi <u>ma jistawx jintużaw għall-ebda sport</u>!!

Lanqas ma tagħmel sens il-verżjoni tiegħu mogħtija fl-interrogazzjoni li dawn xtrahom bħal ma kien jixtri fwejjaħ u ċikkulata bil-għan uniku jkun biex jeħles mid-Dinari żejda meta mhux biss seta', kieku ried, jonfoqhom fi ħwejjeġ anqas noċivi.

Il-verżjonijiet mogħtija mill-imputat ma għandhomx mis-sewwa u **l-Qorti ma ssib xejn li jimmillita favur li serraħ fuqha.**

<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>

Il-Prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova biex tissostanzja l-imputazzjoni li l-imputat kien qed isuq mingħajr ma kellu liċenzja.

Għalkemm ingħatat sentenza fl-2015 mill-Onor. Maġistrat Dr. Aaron Bugeja li skwalifikat l-imputat milli jżomm liċenzja, kif ser jintwera aktar il-quddiem, tali sentenza baqgħet ma ġietx konfermata li għaddiet in ġudikat u konsegwentement l-imputat qed jiġi liberat minnha.

<u>Ir-Raba Imputazzjoni</u>

Din l-imputazzjoni tirrigwarda r-reat kontemplat bl-artikolu 55(b) tal-Att dwar l-Armi li tipprovdi:

**55.** Salv kull dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min –

......

(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt, ......

Issa fil-każ in deżamina id-delitt li Azzopardi qed jiġi imputat bih ai fini ta' din l-imputazzjoni, hu dak ta' sewqan ta' vettura mingħajr ma kien liċenzjat u

mhux għall-importazzjoni tal-armi w munizzjoni li nstabu fuqu w fil-vettura misjuqa minnu. Għaldaqstant l-istess konsiderazzjonijiet rigward it-tielet imputazzjoni isibu applikazzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni wkoll.

L-addebitu tar-Reċidiva

Ġew preżentati żewġ sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat:

Permezz tas-sentenza tas- 7 ta' Settembru, 2014, mogħtija mill-Onor. Maġistrat Josette Demicoli, l-imputat kien ġie misjub ħati, *inter alia,* ta' serq u riċettazzjoni w kien ikkundannat sentejn priġunerija sospiżi għal perjodu ta' tlett (3) snin kif ukoll li jħallas l-ammont ta' erbat' elef, sitt mija u sitta u sebgħin Ewro (€4,676) lil ċertu Mario Farrugia fi zmien sitt xhur.

Sentenza oħra tal- 20 ta' Mejju 2015, tal-Onor. Maġistrat Aaron Bugeja ukoll sabet lill-imputat ħati ta' serq u riċettazzjoni kif ukoll li saq vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurtà dwar riskji għal terzi persuni. B'konsegwenza l-imputat ġie mqiegħed taħt ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin u ordnat jagħmel xogħol fil-komunità filwaqt li ġie anke mmultat elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400).

Ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs Michael Micallef,** li titratta, *inter alia*, ksur ta' ordni ta' libertà kundizzjonata, jsib applikazzjoni għall-fatti in deżamina. Il-Qorti tenniet:[58]

> 43. Il-Qorti tal-Maġistrati rat li l-Prosekuzzjoni preżentat fl-atti kopja ta' dik is-sentenza li minnha kien jirriżultaw il-konnotati identiċi għal dawk tal-appellant; kif ukoll li verament kienet ikkundannatu għall-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata għal perjodu ta' sena dekorribbli mill-25 ta' Jannar 2010. Iżda jibqa' l-fatt li l Prosekuzzjoni f'dan il-każ ma provdiet ebda prova li turi jekk dik is-sentenza kienetx tagħmel stat kontra l-appellant fis-sens kienetx res iudicata kontra tiegħu jew kienetx għadha soġġetta għal xi appell fil-jum li fih l-appellant ikkometta d-delitti msemmija aktar il-fuq, b'mod għalhekk li fil-mument li huwa kkommetta dawn id-delitti dik is-sentenza kienet għadha mhix stat fuqu.
>
> 44. B'referenza għall-fedina penali tal-appellant ma jidhirx lanqas li dan id-dubbju ġie ċċarat peress illi m'hemm l-ebda referenza għal jekk din is-sentenza ġietx appellata minnu. Lanqas il-fatt illi s sentenza in kwistjoni ġiet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni nhar il 15 ta' Diċembru 2014 ma teskludi li seta' kien hemm sentenza tal appell li ikkonfermat o meno din is-sentenza fil-frattemp. B'hekk jibqa' fatt mhux magħruf u mhux ikkonfermat għal din il-Qorti jekk filfatt it-terminu prefiss tal-liberta' kundizzjonata kinitx qed tiddekorri dakinhar tar-reati abbinati ma dan il-każ, u jekk allura l appellant effettivament kisirx dan it-terminu prefiss bl-azzjonijiet tiegħu.

[58] Per Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja; Seduta 14 ta' Lulju 2020; Appell Nru. 106 tal-2018

Kif ben tajjeb issottomettiet l-abbli difiza, minkejja li ġew esibiti dawn is-sentenzi intiżi biex jippruvaw l-addebitu tar-reċidiva kif ukoll ir-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni, fin-nuqqas tal-prova li dawn is-sentenzi għaddew in ġudikat, l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' reċidiva fuqhom.

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali ikkulurita tal-imputat, tal-fatt li l-armi li importa huma ntizi sabiex jagħmlu ħsara massima, in-numru tal-armi, seba' (7), li nstabu fil-kontroll u/jew pussess tiegħu, fejn erba' (4) minnhom laħqu iddaħħlu fuq l-art u taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-armi kienu lkoll ġodda jindika li mhux minnu li l-imputat ried iżarmhom għal *spare parts* iżda l-importazzjoni tagħhom kienet intiża biss sabiex jinbiegħu w jiddaħħlu fiċ-ċirkolazzjoni tas-suq Malti. Armi li fi kliem l-espert Petroni  huma ntizi biex jagħmlu ħsara massima meta sparati minn distanzi ravviċinati. L-ossessjoni tiegħu bi flus tidher mir-ritratti li nstabu fuq l-laptop li nstab fil-kamra ta' Farrugia.

Mis-*Social Equiry Report* preżentat jidher li l-imputat qed jagħmel ħiltu sabiex ikompli fi triq tas-sewwa. Wera impenn fil-laqgħat mal-Uffiċjal tal-Probation li xehdet kif l-imputat qed irabbi iben waħdu, peress li l-omm għandha vizzju akut ta' droga, filwaqt li hu missier ta' iben iehor. Instema kif il-vizzji tad-droga u xorb xprunaw lill-imputat jgħix ħajja kaotika li waslitu biex illum hemm tliet (3) każijiet oħra pendenti fil-konfront tiegħu. Testijiet għad-droga irriżultaw fin-negattiv u wara li fl-aħħar irrikonoxxa li kellu l-problema tad-droga beda jsegwi korsijiet mal-Aġenzija Caritas fejn hu rappurtat li sar progress kbir u ingħata *feedback* ferm pożittiv dwaru. Ħajtu llum tgawdi minn stabbilità u semplicità fejn anke baqa jgħix mal-ġenituri tiegħu.

Ittieħdet konsiderazzjoni li r-reati addebitati lilu jirrisalu għal disa' (9) snin ilu, u ħarsa lejn il-proċess turi li d-dewmien fl-andament tal-każ odjern ma kienx dovut għall-imputat.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ma tqisx li l-imputat għandu jingħata piena karċerarja, anzi għandu jingħata l-opportunita jissokta fit-triq it-tajba u tas-sewwa li qabad. Madanakollu tenut kont tal-gravità ta' għemilu it-terminu tal-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża għandu jingħata fil-massimu.

Ma dan l-Ordni l-Qorti temmen li għandu jinħareġ ordni ta' superviżjoni sabiex kemm il-darba l-imputat jerġa jiżgarra, l-Qorti tittratta miegħu għal dawn ir-reati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numri tlieta (3) sa sitta (6), it-tnejn inklużi, u mill-addebitu tar-recediva ai termini tal-Artiklu 50 tal-Kodici Kriminaliwara li rat l-artikoli 17, 31 u 49 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i), il-paragrafu (b) tal-*Proviso* għall-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 16(1)(j), 17(1)(a)(d) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 5(1)(2) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha w tikkundannah għal piena ta' **priġunerija ta' żmien sentejn (2)** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal zmien erba' (4) snin millum kif ukoll għall-multa ta' **ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€582.34)**, b'terz tal-ammont dovut u ċioe mija, erba' w disgħin ewro u ħdax il-ċentezmu (€194.11ċ)[59] għandu jitqies bħala dejn ċivili u għandu jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, kif ukoll għal **multa ta' seba' mija tnejn u tmenin Ewro u sitta w erbgħin ċentezmu (€782.46ċ),**[60] multa

---

[59] Ghalkemm l-ammont ta' dazju w sisa dovut kien dak ta' €136.42c (€45.42c X 3) l-Artikolu 18, Kap.37, Liġijiet ta' Malta jistipula li l-ammont ma għandu qatt ikun anqas minn €582.34c:

> Kull min jimporta jew iġiegħel li jiġi importat għalih koll b'oġġetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni tagħhom, jew, direttament jew indirettament, jimporta jew iġiegħel li jiġi importat għalih jew jiddikjara jew iġiegħel li jiġi ddikjarat koll bħala li fih oġġetti ta' isem, li mbagħad jinsab, qabel jew wara l-kunsinna tagħhom, li fih oġġetti oħra, jew oġġetti suġġetti għal rata akbar jew għal ammont ieħor ta' dazju divers minn dak li għandu jitħallas fuq l-oġġetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oġġetti ta' ġewwa fih ikunu ġew iddikjarati, din il-persuna teħel, għal kull reat bħal dan, multa ekwivalenti għal tliet darbiet għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti li jkunu jinsabu f'dak il-koll jew ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€582.34), skont liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana .....

[60] Taxxa fuq il-Valur Miżjud Perikolata għall-armi tammonta ghal €260.82c li mmultiplikat għall-tlett darbiet jiġu €782.46c:

> 80.(1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 18, 60 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw għal dan l-Att bħallikieku kull riferenza għal dazji li tinsab f'dawk l-artikoli kienet riferenza għal taxxa dovuta taħt dan l-Att, u kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli li jiftiehmu kif imsemmi qabel dwar xi oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hi suġġetta għal taxxa taħt dan l-Att tkun ħatja, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollha taħt l-Ordinanza msemmija, ta'reat taħt dan l-Att u tista' għal kull reat bħal dak, teħel multa li tkun ekwivalenti għal tlett darbiet it-taxxa li jkollha titħallas jew multa ta' tliet mija u ħamsin euro (€350), skont liema tkun l-akbar, b'dan illi terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dawk il-multi u priġunerija flimkien,......

dovuta għal Taxxa fuq il-Valur Miżjud Perikolata, b'terz tal-ammont dovut u ċioe mitejn u sittin ewro u tnejn u tmenin ċentezmu (€260.82c), għandu jitqies bħala dejn ċivili li għandu jitħallas lil Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, u dan ai termini tal-Artikoli 18 u 62 tal-Kapitolu 37, tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 382 u tal-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali qed tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni għal zmien tlett (3) snin millum.

Inoltrè, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 60(a)(b)(ċ)(h)(k), 68(1) u 69 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 17(2) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 56 tal Att dwar l-Armi, tordna li l-oġġetti kollha maqbuda w elenkati bin-Noti ta' Qbid numri 12/2016 u 13/2016[61] u ċioe, l-armi w il-vettura Daewoo, numru ta' reġistrazzjoni AAL514, jiġu konfiskati favur il-Gvern mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana.

Finalment a tenur tal-Artikolu 57 tal-Att dwar l-Armi, il-Qorti qed tħassar kwalunkwe liċenzja maħruġa taħt dan l-Att f'isem l-imputat filwaqt li tipprojbixxi lil ħati milli jkollu xi liċenzja taħt dan l-Att għal żmien għal ħames snin.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**
**Maġistrat**

.....
[61] **Dok. JB2** u **Dok.JB3** a fol.26-26 rispettivament